MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 430/2007

**BAM! Limited (C 22125)**

**Vs**

**C.N.J. International Limited (C 8239)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm1,162) rapprezentanti servizzi ta' riklamar oltre ghal VAT relattiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota ta' Riduzzjoni pprezentata fl-24 ta' Settembru, 2007 li biha s-socjeta' attrici rriduciet it-talba taghha dwar sorte bis-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza, u zzomm ferm it-talba dwar sorte fl-ammont ridott ghal seba' mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm762) oltre spejjez u imghax mitluba.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' seba' mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm762), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------